

IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TAL-UŻU U S-SERVIZZ TAL-CLOUD TAL-IUCLID
(Verżjoni 4.1 – 16/03/2021)

JEKK JOGĦĠBOK AQRA T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET LI ĠEJJIN LI JIRREGOLAW L-UŻU TAL-CLOUD TAL-IUCLID QABEL MA TUŻA L-CLOUD TAL-IUCLID. BIEK TAQBEL MAT-TERMINI TAS-SERVIZZ, IMMARKA L-KAXXA BIEK TINDIKA LI TKUN QRAJT U AĊĊETTAJT IT-TERMINI TAS-SERVIZZ. L-AĊĊESS GĦALL-CLOUD TAL-IUCLID HUWA SOĠĠETT GĦAL AĊĊETTAZZJONI MINN QABEL TA' DAWN IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET.

1. Definizzjonijiet

- (a) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor b'mod espliċitu, it-termini użati hawnhekk għandu jkollhom it-tifsiriet li ġejjin:

Abbonament	tfisser l-azzjoni mwettqa mill-Maniġer tal-Entità Ġuridika meta jiddeċiedi li jibda juża wieħed mis-servizzi tal-Cloud tal-IUCLID;
Aġenzija Responsabbli	tfisser jew l-ECHA jew l-EFSA bħala l-Aġenzija responsabbli skont il-leġiżlazzjoni rilevanti Koperta għall-ipproċessar tal-informazzjoni sottomessa jew it-tnejn, fejn issir referenza għalihom bħala Aġenziji Responsabbli;
Cloud tal-IUCLID	tfisser is-servizz tal-IT tal-ECHA li joffri (u jiġbor fih) is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID u s-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID;
Data	tfisser kwalunkwe <i>data</i> mqiegħda fuq il-Cloud tal-IUCLID mill-Parti;
Data Personali	tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;
ECHA	tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita f'Helsinki, il-Finlandja;
EFSA	tfisser l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel stabbilita f'Parma, l-Italja;
Ir-Regolament CLP	tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet;
Ir-Regolament REACH	tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi;
Kont tal-ECHA	tfisser il-pjattaforma online li l-ECHA stabbiliet għall-ħolqien ta' kontijiet tal-utenti individwali, li tippermetti lill-Partijiet joħolqu abbonamenti għas-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-IT tal-ECHA. Fil-kont tal-ECHA, il-Maniġer tal-Entità Ġuridika jista' jagħti u jirrevoka d-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi tal-IT tal-ECHA u l-applikazzjonijiet għall-Utenti mill-grupp tiegħu stess;

Kunsens	tfisser kwalunkwe indikazzjoni mogħtija liberament, speċifika, infurmata u mhux ambigwa tax-xewqat tas-Suġġett tad- <i>Data</i> li biha, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, jaqbel mal-ipproċessar ta' <i>data</i> personali relatata miegħu;
Leġiżlazzjoni koperta	is-sistema għandha l-għan li ttiprovdi l-possibbiltà li jitħejjew id-dossiers tal-IUCLID għal-leġiżlazzjoni li ġejja: (i) ir-Regolament REACH, (ii) ir-Regolament CLP, (iii) id-WFD kif ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti f'(iv) ir-Regolament KE Nru 1107/2009;
Maniġer tal-Entità Ġuridika	L-Utent ewlieni ta' Parti li jkollu d-drittijiet ta' aċċess biex jimmaniġġja u joħloq Utenti oħra, jassenja rwoli u jabbona għal servizzi f'isem il-Parti;
Parti	tfisser kwalunkwe entità ġuridika li għandha drittijiet ta' aċċess għas-servizzi tal-Cloud tal-IUCLID (jew għat-tnejn li huma);
Portal ta' sottomissjoni tal-ECHA	tfisser is-sistema ċentrali tal-IT li tinkludi l-applikazzjoni u s-sit web uffiċjali tal-portal tas-sottomissjoni tal-ECHA, fejn l-użu tal-portal huwa previst skont il-Leġiżlazzjoni Koperta u għall-aċċess għal kwalunkwe komunikazzjoni relatata ma' tali sottomissjoni; il-portal tas-sottomissjoni tal-ECHA għandu verżjoni ta' prova;
REACH-IT	tfisser is-sistema ċentrali tal-IT li tinkludi l-applikazzjoni u s-sit web uffiċjali REACH-IT kif tippreskrivi l-ECHA għas-sottomissjoni tad- <i>data</i> REACH-IT u għan-notifika tad-deċiżjonijiet u l-korrispondenza kollha relatati ma' tali sottomissjoni skont il-Leġiżlazzjoni koperta;
Regolament dwar il-PPP	Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2019/1381;
Servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID	tfisser is-servizz ta' prova tal-IT fil-Cloud, li ma fihx il-karatteristiċi kollha tas-Servizz tal-Cloud tal-IUCLID;
Servizz tal-Cloud tal-IUCLID	tfisser is-servizz tal-IT fil-Cloud, li jippermetti lill-Parti tiġbor, taħżen u ttipproċessa <i>data</i> fil-Cloud skont il-Bażi tad- <i>Data</i> Internazzjonali Uniformi ta' Informazzjoni Kimika (minn hawn 'il quddiem "IUCLID") inkluż, bħala eżempju, <i>data</i> dwar sustanzi kimiċi, il-proprjetajiet tagħhom, il-produtturi jew l-importaturi tagħhom u <i>data</i> metadata relatati;
Servizzi tal-Cloud tal-ECHA	il-pjattaforma minn fejn is-servizzi tal-Cloud tal-IUCLID jistgħu jiġu sottoskritti u ġestiti mill-Maniġer tal-Entità Ġuridika;
Suġġett tad-<i>Data</i>	tfisser persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;

Termini u Kundizzjonijiet

tfisser dawn it-termini u l-kundizzjonijiet kif emendati minn żmien għal żmien u fis-seħħ. Il-politika dwar il-protezzjoni tad-*data* personali tal-Aġenzija Responsabbli tiffirma parti integrali minn dawn it-termini u l-kundizzjonijiet. Għal din il-politika u għal aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-Parti għandha tirreferi għall-paġna web dwar il-protezzjoni tad-*data* personali tal-Aġenzija Responsabbli, fejn għall-ECHA din hija: <https://echa.europa.eu/mt/about-us/the-way-we-work/personal-data-protection> u għall-EFSA din hija: <https://www.efsa.europa.eu/en/personal-data-protection>;

Utent

tfisser il-persuna/i li l-Parti tkun innominat u awtorizzat li jkollha aċċess għal u tuża l-Cloud tal-IUCLID;

WFD

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.

- (b) L-Intestaturi huma għall-faċilità ta' referenza biss u ma jiffurmawx parti minn dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet. Kliem li jindika s-singular jinkludi l-plural u vice versa, kliem li jindika ġeneru wieħed jinkludi l-ġeneri kollha u kliem li jindika persuni jinkludi korporazzjonijiet u vice versa.

2. Servizzi tal-Cloud tal-IUCLID u Kundizzjonijiet tal-Użu

- (a) Skont il-Leġiżlazzjoni koperta, il-partijiet ikkonċernati huma meħtieġa jipprovdu lill-Aġenzija Responsabbli b'informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, il-proprjetajiet tagħhom, il-produtturi jew l-importaturi tagħhom u d-*data* relatata u l-metadata. L-informazzjoni meħtieġa għandha tiġi pprovduta fil-format tal-Bażi tad-*Data* Internazzjonali Uniformi ta' Informazzjoni Kimika (IUCLID).
- (b) Il-Cloud tal-IUCLID tipprovdi lil Parti b'servizz tal-IT, is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID, li jippermettilha tiġbor, taħżen u tipproċessa *data* meħtieġa mil-Leġiżlazzjoni koperta, inkluż, bħala eżempju, *data* dwar sustanzi kimiċi, il-proprjetajiet tagħhom, il-produtturi jew l-importaturi tagħhom u *data* u metadata relatati.
- (c) Kull Parti tirrikonoxxi li s-servizz tal-Cloud tal-IUCLID huwa pprovdut biss bħala għodda li tippermetti lill-Parti tiżviluppa s-sottomissjonijiet tad-*data* meħtieġa skont il-Leġiżlazzjoni koperta. Is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID ma jistax u mhux maħsub biex jintuża għal xi skop ieħor.
- (d) Kull Parti tirrikonoxxi wkoll li l-użu tas-servizz tal-Cloud IUCLID mhuwiex biżżejjed biex jikkonforma mal-Leġiżlazzjoni koperta, peress li kwalunkwe dossier, notifika, talba u/jew aġġornament imħejji fis-servizz tal-Cloud IUCLID mhux se jiġi sinkronizzat awtomatikament ma' REACH-IT jew mal-Portal tas-Sottomissjoni tal-ECHA, u s-sottomissjoni tad-*data* lill-Aġenzija Responsabbli għal finijiet ta' konformità ma tistax titlesta fis-Servizz tal-Cloud tal-IUCLID. Għall-finijiet ta' konformità mar-Regolament REACH u r-Regolament CLP, minbarra l-Artikolu 45 u l-Anness VIII tar-Regolament CLP, il-Parti għandha tittrasferixxi s-sottomissjoni tad-*data* finalizzata lil REACH-IT sabiex l-ECHA tirċievi formalment is-sottomissjoni.

Barra minn hekk, kull Parti tirrikonoxxi li l-użu tas-servizz tal-Cloud tal-IUCLID mhuwiex biżżejjed biex jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sottomissjoni tad-*data* skont id-WFD, ir-Regolament PPP u l-Artikolu 45 u l-Anness VIII tar-Regolament CLP peress li kwalunkwe sottomissjoni mħejjija fis-servizz tal-Cloud tal-IUCLID mhux se tiġi sinkronizzata awtomatikament mal-Portal ta' Sottomissjoni tal-ECHA. Il-Parti trid tittrasferixxi u sussegwentement tissottometti s-sottomissjoni finalizzata tagħha lill-Portal tas-

Sottomissjoni tal-ECHA sabiex l-Aġenzija Responsabbli tirċievi s-sottomissjoni b'mod formali.

- (e) Il-Cloud tal-IUCLID toffri wkoll servizz tal-IT ieħor imsejjaħ is-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID. Is-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID huwa servizz ta' prova, li jippermetti lill-Parti ssir familjari mal-Cloud tal-IUCLID. Is-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID huwa maħsub biss bħala għodda ta' taġlim u ma fihx il-karatteristiċi kollha tas-servizz tal-Cloud tal-IUCLID, u ma jistax u mhuwiex maħsub biex jintuża għal kwalunkwe skop ieħor.
- (f) Il-Parti tirrikonoxxi li l-Cloud tal-IUCLID mhijex offruta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u ma tistax tintuża mal-browsers kollha tal-internet.
- (g) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-IUCLID hija offruta wkoll bħala software li jista' jitniżżel, soġġett għall-aċċettazzjoni ta' ftehim ta' liċenzjar separat.

3. Reġistrazzjoni u Abbonament

- (a) L-aċċess għall-Cloud tal-IUCLID u l-użu tagħha jingħata lill-Parti soġġetta għal u f'konformità ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (b) Sabiex taċċessa l-Cloud tal-IUCLID, il-Parti għandha l-ewwel tilloggja fis-servizzi tal-Cloud tal-ECHA billi tuża l-ID(s) tal-utent u l-password(s) tal-utent irreġistrati tagħha maħluqa fil-Kont tal-ECHA, mill-Maniġer tal-Entità Ġuridika, għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-IT tal-ECHA, bħal REACH-IT. Jekk il-Parti ma jkollhiex ID(s) tal-utent u password(s) tal-utent irreġistrati, il-Parti għandha toħloq kont tal-utent fil-Kont tal-ECHA li jikkonsisti f'ID tal-utent u password tal-utent, u jkun jeħtieġ li tipprovi l-informazzjoni meħtieġa.

Huwa meħtieġ abbonament għal kull servizz tal-Cloud tal-IUCLID. Il-Parti, irrappreżentata minn Maniġer ta' Entità Ġuridika, għandha toħloq Abbonament uniku għas-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID u/jew is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID, skont il-ħtiġijiet tagħha. Il-Parti tirrikonoxxi li Abbonament għas-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID u/jew is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID huwa limitat għal wieħed għal kull Parti. Il-ġestjoni tal-Utenti tal-Abbonament tal-Parti hija ġestita mill-Maniġer tal-Entità Ġuridika tal-Parti bl-applikazzjoni tal-ġestjoni tal-utent tal-Kont tal-ECHA. Il-Parti hija intitolata li tagħti drittijiet ta' aċċess lill-Utenti għall-Cloud tal-IUCLID, u biex tirrevoka d-drittijiet tal-Utent mill-Utenti. Meta jaċċessaw u jużaw il-Cloud tal-IUCLID, l-Utenti għandhom jużaw l-identifikatur tal-utent u l-password tal-utent irreġistrati tal-Parti.

Meta toħloq l-Abbonament(i) uniku(uniċi) għas-servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID u/jew is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID, il-Parti għandha taqra u taqbel ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet billi timmarka l-kaxxa li tiddikjara li qrat u qablet mat-Termini u l-Kundizzjonijiet. Kull Utent huwa obligat ukoll li jaqra u jaċċetta dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet mal-ewwel tentattiv tiegħu biex jaċċessa l-Cloud tal-IUCLID.

L-ECHA tirriżerva d-dritt assolut, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li tvarja dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet bi kwalunkwe mod u fi kwalunkwe ħin, u l-Utenti se jintalbu jaqraw u jaċċettaw it-Termini u l-Kundizzjonijiet emendati mal-ewwel tentattiv tagħhom biex jaċċessaw il-Cloud tal-IUCLID wara li jkun saru l-varjazzjonijiet. Billi jaċċessaw u/jew ikomplu jużaw il-Cloud tal-IUCLID, l-Utenti (u b'estensjoni, il-Parti) jaċċettaw b'mod speċifiku dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet kif inhuma varjati.

- (c) Il-Parti taqbel li kwalunkwe Utent li japplika l-identifikatur(i) tal-utent u l-password(s) tal-utent tagħha biex jaċċessa l-Cloud tal-IUCLID ikun qed jaġixxi f'isem il-Parti u jkollu l-awtorità legali li jaġixxi f'isimha. Referenza f'dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet għall-Utenti tal-Parti li jilloggjaw fil-Cloud tal-IUCLID, jew li jkomplu jużaw il-Cloud tal-IUCLID

jew inkella jaċċessaw il-Cloud tal-IUCLID, għandha tinkludi kwalunkwe att bħal dan magħmul minn kwalunkwe persuna li tuża l-identifikatur(i) tal-utent u/jew il-password(s) tal-utent tal-Parti (kemm jekk awtorizzata mill-Parti kif ukoll jekk le).

- (d) Il-Parti taqbel li żżomm id-dettalji tal-Utenti tagħha aġġornati fi kwalunkwe ħin. Għal dan il-għan, l-ECHA tista' titlob lill-Utenti jikkonfermaw id-dettalji tagħhom fuq bażi annwali.

4. Appoġġ Tekniku, Backup u Ħżin tad-Data

- (a) Il-Parti tirrikonoxxi li s-Servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID ma jinkludix servizzi ta' appoġġ tekniku jew funzjonijiet ta' backup, u l-ħżin tad-*data* offrut fis-Servizz ta' Prova tal-Cloud tal-IUCLID huwa limitat sal-punt li jista' jintuża biss bħala għodda tat-tagħlim.
- (b) Kwalunkwe funzjoni offruta fis-servizz tal-Cloud tal-IUCLID, inkluż, iżda mhux limitat għal, il-ħżin u l-irkupru tad-*data*, hija soġġetta għat-Taqsima 7 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet. Huwa rakkomandat li l-Parti żżomm ir-rekords tagħha stess (back-ups) tad-*Data* tagħha.
- (c) Is-servizz tal-Cloud tal-IUCLID jinkludi helpdesk u servizzi ta' appoġġ tekniku. It-talbiet dwar kwistjonijiet regolatorji jistgħu jsiru permezz tal-formoli ta' talba għal informazzjoni fil-paġna ta' kuntatt tal-Aġenzija Responsabbli. Għall-ECHA jekk jogħġbok mur fil-paġna ta' kuntatt tal-ECHA. Għall-EFSA, jekk jogħġbok mur fuq <https://connect.efsa.europa.eu/RM/s/new-ask-efsa-request>. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija Responsabbli għal skopijiet ta' appoġġ tekniku tista' tintuża biss mill-Parti għall-fini tal-użu tas-servizz tal-Cloud tal-IUCLID u ma tistax tiġi żvelata lil xi parti terza jew tintuża għal skopijiet oħra. L-Aġenzija Responsabbli hija responsabbli biss biex tipprovi l-informazzjoni mitluba fi żmien raġonevoli, filwaqt li tqis il-kumplessità tal-mistoqsija u/jew tal-informazzjoni mitluba mill-Parti. L-azzjonijiet kollha meħuda mill-Aġenzija Responsabbli se jitwettqu skont l-informazzjoni mogħtija mill-Parti. Għal dan il-għan, l-Aġenzija Responsabbli ma jaċċettaw l-ebda responsabbiltà jekk tali informazzjoni jkun fiha żbalji jew omissjonijiet. Il-Parti hija responsabbli b'mod assolut għad-*data* mogħtija fi kwalunkwe talba għal informazzjoni.
- (d) Kull Parti tirrikonoxxi u taqbel li l-Cloud tal-IUCLID bħalissa huwa ospitat fi cloud privat offrut minn fornitur ta' servizz terz u li l-Aġenzija Responsabbli jistgħu jużaw fornituri ta' servizzi terzi biex jipprovdur servizzi relatati mal-Cloud tal-IUCLID. Il-fornituri ta' servizz se jkunu entitajiet li jirrisjedu fl-Unjoni Ewropea u kwalunkwe *Data* mqieġħda fuq il-Cloud tal-IUCLID tibqa' fl-Unjoni Ewropea.
- (e) Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 6, l-Aġenzija Responsabbli mhux se jkollhom aċċess għad-*Data* mqieġħda fuq il-Cloud tal-IUCLID minn Parti jew mill-Utenti, sakemm ma jkunx ingħata permess mill-Parti jew l-Utent ikkonċernat. Il-permess se jintalab biss għal skopijiet relatati mal-manutenzjoni/servizz u l-Aġenzija Responsabbli mhux se jirrevedu jew jieħdu pussess tad-*Data* mqieġħda fuq il-Cloud tal-IUCLID. Jekk jingħata permess, is-servizzi se jitwettqu mill-Aġenzija Responsabbli, jew minn fornituri ta' servizzi terzi skont l-obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa.

5. Għoti ta' Data u Garanziji

- (a) Id-*Data* kollha għandha titqiegħed fuq il-Cloud tal-IUCLID f'format elettroniku ħieles minn viruses.
- (b) L-ECHA, l-EFSA u l-Parti jirrikonoxxu li l-internet huwa, minħabba konġestjoni tat-traffiku imprevedibbli, partijiet terzi malizzjużi u raġunijiet oħra, mezz ta' komunikazzjoni intrinsikament mhux affidabbli u li tali nuqqas ta' affidabbiltà jmur lil hinn mill-kontroll tal-Parti jew tal-Aġenzija Responsabbli. L-Aġenzija Responsabbli u l-

Parti jirrikonoxxu li huwa impossibbli li tinżamm sigurtà mingħajr difetti. L-Aġenziji Responsabbli jużaw l-isforzi kollha tagħhom biex jiżguraw li l-Cloud tal-IUCLID se jaħdem b'mod korrett. La l-ECHA u lanqas l-EFSA ma għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat għall-Cloud tal-IUCLID minn kwalunkwe parti terza jew għal fallimenti, żbalji jew dewmien relatati mal-konnessjonijiet tal-internet ta' Parti.

- (c) Il-Parti tiddikjara, tigarantixxi u timpenja ruħha lill-ECHA u/jew lill-EFSA li:
- (i) kwalunkwe *Data* mqiegħda fuq il-Cloud tal-IUCLID permezz tal-kont tal-utent tal-Parti titqies li tqiegħdet mill-Parti;
 - (ii) hija s-sid tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali kollha fid-*Data* li tkun qiegħdet, inklużi d-drittijiet tal-awtur, it-trademarks jew l-isem, jew hija debitament awtorizzata mis-sid ta' dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għall-iskopijiet ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (d) Barra minn hekk, il-Parti b'dan tigarantixxi lill-Aġenzija Responsabbli li:
- (i) l-informazzjoni kollha pprovduta lill-Aġenziji Responsabbli fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha biex issir Parti u l-informazzjoni kollha li sussegwentement tista' tiġi pprovduta għaż-żamma tal-istatus tagħha bħala Parti minn żmien għal żmien tkun kompluta, korretta u aġġornata;
 - (ii) l-użu tal-Cloud tal-IUCLID u l-aċċettazzjoni u t-twettiq tal-obbligi tagħha skont dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet ġew debitament awtorizzati bil-kisba tal-approvazzjonijiet kollha neċessarji korporattivi jew mill-partijiet terzi u ma jiksrux id-dokumenti kostituttivi tal-Parti jew kwalunkwe liġi, regolament jew ftehim vinkolanti ieħor fuq il-Parti;
 - (iii) dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jikkostitwixxu kuntratt legalment vinkolanti u infurzabbli; u
 - (iv) fir-rigward tal-użu tagħha tal-Cloud tal-IUCLID, hija għandha tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha inkluż, mingħajr limitazzjoni, il-proċeduri u d-direzzjonijiet kollha nnotifikati jew ippubblikati mill-ECHA u/jew, fejn rilevanti, l-EFSA.

6. Privatezza

- (a) Il-parti tagħti l-kunsens tagħha (u tkun kisbet il-Kunsens ta' kull Suġġett tad-*Data*) li d-*Data* Personali pprovduta minnha tista' tiġi pproċessata mill-Aġenziji Responsabbli, istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji oħra tal-UE u l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni koperta u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE, u bit-twettiq tal-obbligi tal-Parti skont dawn il-leġiżlazzjonijiet.
- (b) Il-Parti (u l-Utent(i)) se jintalbu jipprovdu ċerta *Data* Personali bħall-isem, l-indirizz postali, l-indirizz tal-posta elettronika, u kwalunkwe *data* oħra bħall-pajjiż, iż-żona kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba.
- (c) Il-Parti trid tikseb il-Kunsens tas-Suġġett tad-*Data*, jew ikollha raġunijiet legali oħra, qabel ma tippreżenta kwalunkwe *Data* Personali ta' dak is-Suġġett tad-*Data* lill-Cloud tal-IUCLID kif deskritt hawn fuq fit-Taqsima 3 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (d) L-Aġenziji Responsabbli huma impenjati li jiżguraw id-dritt għall-privatezza skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 ("l-EDPR") applikabbli għalihom fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*. Għall-politika tal-protezzjoni tad-*data* personali tal-ECHA u aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-Parti għandha tirreferi għall-paġna web tal-

ECHA dwar il-protezzjoni ta' *data* personali (<https://echa.europa.eu/mt/about-us/the-way-we-work/personal-data-protection>). Għall-politika tal-EFSA dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u għal aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-Parti għandha tirreferi għall-paġna web tal-EFSA dwar il-protezzjoni tad-*data* personali (<https://www.efsa.europa.eu/en/personal-data-protection>).

- (e) Għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* jew għal kwalunkwe mistoqsija ġenerali relatata mal-politika ġenerali tal-privatezza, il-Parti (u l-Utent(i)) jistgħu jikkuntattjaw lill-ECHA permezz tal-formoli fil-paġna ta' kuntatt tal-ECHA jew l-EFSA permezz tal-posta elettronika tal-kontrollur għall-proċess (DATA.Admin@efsa.europa.eu).

7. Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà u Limitazzjoni tar-Responsabbiltà

- (a) Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 340 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, l-Artikolu 101 tar-Regolament REACH dwar ir-responsabbiltà tal-ECHA u/jew l-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar ir-responsabbiltà tal-EFSA.
- (b) Il-Parti tirrikonoxxi li kwalunkwe użu ta' jew dipendenza fuq kwalunkwe parti tal-Cloud tal-IUCLID għandha tkun għar-riskju proprju tagħha. Il-Parti tirrikonoxxi wkoll li l-użu tal-Cloud tal-IUCLID huwa pprovdut fuq bażi ta' "AS IS" (kif inhu) u "AS AVAILABLE" (kif disponibbli) u mingħajr garanzija jew kundizzjoni ta' kwalunkwe tip, la espliċita u lanqas implikata.
- (c) L-Aġenziji Responsabbli ma jassumu l-ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe tip għal kwalunkwe użu tal-Cloud tal-IUCLID minn Parti. Billi taċċessa u/jew tkompli tuża l-Cloud tal-IUCLID u/jew billi tipprovi lill-Utenti b'passwords għall-Cloud tal-IUCLID, il-Parti hija responsabbli għalkollox mid-*Data* kollha mqiegħda fuq il-Cloud. L-Aġenziji Responsabbli ma għandhomx ikunu responsabbli jew responsabbli b'mod konġunt jew individwali (kemm jekk b'tort, b'kuntratt jew b'xi mod ieħor) għal kwalunkwe pretensjoni għal kwalunkwe telf jew dannu ta' kwalunkwe tip (kemm jekk dirett jew indirett, kwalunkwe telf ta' profitt, telf ta' dħul, telf ta' ffrankar antiċipat jew telf ta' avvjament) ikun xi jkun u kwalunkwe ħaġa li tirriżulta mill-użu ta' jew id-dipendenza fuq il-Cloud tal-IUCLID jew kwalunkwe sistema jew software relatati inkluż kwalunkwe mmaniġġjar ħażin, ommissjoni, nuqqas ta' konsenja, dewmien, użu negliġenti jew mhux awtorizzat tal-Cloud tal-IUCLID jew tal-identifikatur(i) tal-utent u l-password(s) tal-utent irreġistrati tal-Parti.
- (d) L-Aġenziji Responsabbli ma jaċċettaw l-ebda responsabbiltà jew responsabbiltà ta' kwalunkwe tip għall-preċiżjoni, il-kompletezza jew l-affidabbiltà tal-kontenut jew il-format tas-sottomissjonijiet tad-*data* maħluqa fis-servizz tal-Cloud tal-IUCLID, jew li s-sottomissjonijiet tad-*data* jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Leġiżlazzjoni koperta. Il-parti tirrikonoxxi li huwa l-obbligu tal-Parti li tiżgura l-preċiżjoni, il-kompletezza u l-konformità tas-sottomissjonijiet tad-*data* mal-Leġiżlazzjoni koperta qabel ma tittrasferixxi s-sottomissjonijiet tad-*data* lil REACH-IT jew, fejn rilevanti, lill-Portal tas-Sottomissjoni tal-ECHA.
- (e) L-Aġenziji Responsabbli ma għandhomx ikunu responsabbli għal kwalunkwe azzjoni meħuda jew għal kwalunkwe nuqqas, tfixkil jew dewmien fit-twettiq sħiħ jew parzjali tal-obbligi tagħhom skont dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jekk tali azzjoni, nuqqas, tfixkil jew dewmien jirriżulta minn kawżi li jmorru lil hinn mill-kontroll raġonevoli tal-Aġenziji Responsabbli. Kawżi bħal dawn jistgħu jinkludu, iżda ma għandhomx ikunu limitati għal, atti ta' force majeure, tilwim industrijali, ħsarat mekkaniċi, ħsarat fil-kompjuter jew fis-sistemi jew ħsarat oħra fit-tagħmir, nuqqasijiet jew difetti fis-software tal-kompjuter jew tas-sistema, ħsara lill-kompjuter minħabba rutini ta' programmazzjoni mhux awtorizzati, nuqqas ta' disponibbiltà ta' jew restrizzjonijiet fuq

kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni għal kwalunkwe raġuni, interruzzjonijiet tal-provvisti tal-enerġija, kwalunkwe liġi, digriet, regolament jew ordni ta' kwalunkwe gvern, awtorità kompetenti, korp supranazzjonali jew kwalunkwe qorti jew tribunal u kwalunkwe kawża oħra lil hinn mill-kontroll tal-Aġenzija Responsabbli rispettiva.

- (f) Il-Parti taqbel irrevokabbilment u inkondizzjonalment li tiddefendi, tikkumpensa b'mod sħiħ u żżomm lill-Aġenzija Responsabbli, flimkien jew individwalment mingħajr ħsara minn u kontra r-responsabbiltajiet, id-danni, il-pretensjonijiet, l-azzjonijiet, u l-ispejjeż kollha (inklużi t-tariffi legali) b'rabta ma' jew li jirriżultaw mir-riċevuta, jew it-trażmissjoni jew il-pubblikazzjoni jew il-ħżin jew il-pussess ta' kwalunkwe *Data* permezz tal-Cloud tal-IUCLID u/jew il-ksur mill-Parti ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet u/jew l-użu mhux xieraq tagħha tal-Cloud tal-IUCLID.

8. Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali u Drittijiet ta' Proprjetà Oħra

- (a) Ħlief għal kwalunkwe drittijiet ta' proprjetà intellettwali li l-Parti jista' jkollha fir-rigward ta' kwalunkwe *Data*, il-Parti tirrikonoxxi li l-kontenut u l-materjali tal-Cloud tal-IUCLID (inklużi l-organizzazzjoni u l-arranġament tagħha) huma l-proprjetà tal-ECHA jew tal-partijiet terzi u d-drittijiet tal-awtur, id-drittijiet tal-bażi ta' *data*, id-drittijiet tal-katalgu u kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali ieħor li jinsabu fihom jappartjenu lill-ECHA jew lill-partijiet terzi.
- (b) Il-Parti tirrikonoxxi li l-Cloud tal-IUCLID u s-sistemi u s-software relatati huma l-proprjetà tal-ECHA jew il-fornituri ta' servizz tagħha. Il-Parti m'għandhiex tbaġħbas, timmodifika, tiddekompila, twettaq inġinerija inversa jew tiddel bi kwalunkwe mod ieħor il-Cloud tal-IUCLID jew kwalunkwe software relatat u l-Parti m'għandhiex tipprova tikseb aċċess mhux awtorizzat għal xi parti tal-Cloud tal-IUCLID. L-ECHA hija intitolata li tiċħad l-aċċess tal-Parti għall-Cloud tal-IUCLID kollha jew parti minnha jekk il-Parti twettaq kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija hawn fuq jew jekk l-ECHA, fi kwalunkwe ħin, tissuspetta b'mod raġonevoli li l-Parti tkun wettqet jew ipprovat twettaq kwalunkwe wieħed minnhom.

9. Modifika, Diskontinwità jew Terminazzjoni

- (a) L-ECHA tirriżerva d-dritt li timmodifika jew twaqqaf, temporanjament jew b'mod permanenti, il-Cloud tal-IUCLID (jew kwalunkwe parti jew karatteristika tagħha) fi kwalunkwe ħin wara notifika minn qabel lill-Parti jekk dan ikun prattikabbli, jew inkella, mingħajr notifika minn qabel jekk din in-notifika ma tkunx prattikabbli. L-ECHA (waħedha, jew f'isem l-EFSA) tista' ttemm jew tissospendi l-aċċess tal-Parti għall-Cloud tal-IUCLID kollu jew parti minnu b'effett minn kwalunkwe ħin li tqis xieraq għal kwalunkwe raġuni inkluż, mingħajr limitazzjoni, ksur ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jew kwalunkwe terminu jew kundizzjoni oħra kif preskritt mill-ECHA minn żmien għal żmien. Jekk l-aċċess tal-Parti għall-Cloud tal-IUCLID jiġi tterminat jew sospiż, id-*data* mqiegħda fis-servizz tal-Cloud IUCLID tinħażen għal perjodu raġonevoli ta' żmien.
- (b) L-ECHA għandha tkun intitolata, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li tissospendi temporanjament il-Cloud tal-IUCLID kollha jew parti minnha sabiex taġġorna jew timmodifika l-Cloud tal-IUCLID jew kwalunkwe sistema jew software relatati u/jew tirrestrinġi l-aċċess tal-Parti għall-Cloud tal-IUCLID u l-użu tagħha fejn l-ECHA tqis li dan ikun raġonevolment neċessarju għall-operazzjoni jew il-manutenzzjoni tal-Cloud tal-IUCLID jew kwalunkwe sistema jew software relatati. L-ECHA m'għandhiex tkun responsabbli lejn il-Parti jew kwalunkwe parti terza għal kwalunkwe pretensjoni ta' kwalunkwe tip relatata ma' din it-terminazzjoni, ir-restrizzjoni jew is-sospensjoni tal-Cloud tal-IUCLID.

10. Dispożizzjonijiet Mixxellanji

- (a) Jekk kwalunkwe dispożizzjoni msemmija hawnhekk tinstab li sa ċertu punt hija invalida jew mhux eżegwibbli, din id-dispożizzjoni se tiġi interpretata, mifhuma u riformata sal-punt raġonevolment meħtieġ biex issir valida, infurzabbli u konsistenti mal-intenzjoni oriġinali tagħha. Kull dispożizzjoni ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet tista' tiġi mifruda mill-oħrajn, u jekk dispożizzjoni waħda jew aktar jiġu ddikjarati invalidi jew mhux infurzabbli, il-kumplement tad-dispożizzjonijiet ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jibqgħu effettivi u fis-seħħ.
- (b) Dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet mhumiex maħsuba biex imorru kontra xi rekwiżit obbligatorju stabbilit fir-regolamenti obbligatorji applikabbli jew biex jeskludu r-responsabbiltà minn kwistjonijiet, li ma jistgħux jiġu esklużi taħt dawn ir-regolamenti.
- (c) It-Termini u l-Kundizzjonijiet għandhom jiġu rregolati minn u mifhuma b'mod konformi mal-liġijiet tal-Finlandja, minbarra l-għażla tad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-liġi tagħha.
- (d) Kwalunkwe tilwima, kontroversja jew talba li tirriżulta minn jew li hija relatata ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet, jew mal-ksur jew il-validità tagħhom, għandha tiġi solvuta mill-qrati ta' Helsinki, il-Finlandja.